MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 29/2010

GO p.l.c. (C 22334)

vs

David Kitcher

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-8 ta’ Lulju 2010, li jaqra hekk :

‘ Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u hamsa u sittin Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€865.22), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21558852 moghti mis-socjeta’ attrici skond kif jirrizulta mill-anness dokument markat A ;

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas, izda baqa’ inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament, u cioe’ mit-8 ta’ Jannar 2008, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.’ ;

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-2 ta’ Novembru 2010, baqa’ ma dahhalx risposta u lanqas ma deher quddiem it-Tribunal biex jikkontesta t-talba attrici ;

Sama’ l-provi ;

Fl-udjenza tas-26 ta’ Novembru 2010, gew pprezentati kapitoli mis-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut ;

Fl-udjenza tat-2 ta’ Dicembru 2010, xehed Emanuel Cini, impjegat mal-kumpannija attrici li esibixxa kopja tas-*service agreement* li l-konvenut kien ghamel mas-socjeta’ attrici ghall-istallazzjoni tas-servizz tat-telefon, kif ukoll rendikont tal-hlas bil-bilanc li baqghalu jaghti lis-socjeta’ attrici f’telefonati u kiri tas-servizz, u kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut fl-intier tieghu billi wara t-8 ta’ Jannar 2008, il-konvenut m’ghamel ebda hlas iehor ;

Fl-istess udjenza tat-2 ta’ Dicembru 2010, gew miftuha l-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie msejha diversi drabi, il-kapitoli gew miftuha u approvati, u mehuda li gew mistqarra mill-konvenut ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ikkunsidra fid-dawl tal-provi mressqa, bl-ebda mod ma gew ikkontestati, li fis-7 ta’ Ottubru 1998, il-konvenut kien talab ghall-linja tat-telefon fl-appartament fejn kien joqghod fi Triq Sannat, Rabat, Ghawdex, liema servizz kien gie mnehhi mis-socjeta’ attrici fis-26 ta’ Lulju 2001, billi l-konvenut kien halla l-kont pendenti ghal diversi xhur, u halla l-bilanc li s-socjeta’ attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas.

Ghalhekk fid-dawl ta’ dawn il-provi t-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u sittin Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€865.22), dovuta in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21558852, bl-imghax legali kif mitlub sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------